MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Numru 475/1998

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sharon Tanti)**

**Vs**

**Stephen Bonsfield ta’ 29 sena, bin Harold u Tessie nee Aranci, imwieled Sliema fis-17.09.69 u joqghod Binja Lenieq, Flat 6, Flats Indipendenza, Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 42069(M)**

**<u>Illum 4 ta’ Novembru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-hawn fuq imsemmi Stephen Bonsfield li gie akkuzat talli fil-5 ta’ Lulju, 1998, fin-Naxxar ghall-habta tad-9.30 a.m. minghajr ordni skond il-ligi tal-Awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lill-privat li jarrest l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil martu M’Grace Bonsfield bhala mezz

sabiex tigi mgieghla taghmel xihaga jew toqghod ghal xihaga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Aktar akkuzat talli fl-istess data, lok u cirkostanza, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta’ martu M’Grace Bonsfield, filwaqt li ghamel uzu minn arma regolari (mus).

Fl-ahhar akkuzat talli fl-istess data, lok u cirkostanza, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ martu M’Grace Bonsfield kif iccertifikat minn Dr. Julian J. Mamo MD.

Rat li fl-interrogatorju Stephen Bonsfield wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta’ Frar, 1999 a fol 147 tal-process fejn biha baghat l-artikoli taht liema skond hu jahseb li tista` tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-akkuzat Stephen Bonsfield liema artikoli huma 86, 87, 199(1), 201, 202, 207, 198, 221, 17 u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 19, 26 u 27 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li a fol 148 l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti.

Ikkonsidrat

Wara li rat l-Atti kollha tal-kawza u ezaminat dawk il-provi kollha prodotti jirrizulta lli fil-maggiorparti taghha din il-kawza kienet karatterizzata minn xhieda fit-tul li tat l-allegata vittma, mart l-akkuzat Mary Grace Bonsfield, xhieda li fil-fatt hadet sieghat kif jista` fil-fatt jigi attestat mill-istess process, xhieda li tibda minn fol 33 sa 110 ta’ l-istess.  F’din ix-xhieda hekk twila mart l-akkuzat Mary Grace Bonsfield iddeskriviet fid-dettal u bla tlaqliq dak li hi qed tallega, cioe s-sekwestru u l-abbuz sesswali, l-istupru li sar fuqha minn zewgha.

Fil-fatti Mary Grace Bonsfield tiddeskrivi l-hajja matrimonjali li kellha ma’ zewgha bhal wahda karatterizzata bis-swat tant li kienet tibza’ minnu, bizgha li

geghlitha anke tobdi ordnijiet ta' zewgha li sahansitra tinxtehet fuq soda rasha l-isfel biex b'hekk zewgha jorbotha kemm minn saqajha u kemm min idejha kif ben iddeskriviet hi dakinhar ta' l-allegat stupru. Bizgha anke kagunat mill-fatt li zewgha waqt din l-ordni kellu f'idu kontinwament mus. Tghid fil-fatt, u tirrakkonta Mary Grace Bonsfield li r-ragel taghha kien ta' spiss anke jheddidha b'hajjitha stess per ezempju li ma tkunx taf min taha daqqa ta' sikkina jew tkun fil-folla u kif ukoll darba rat karozza niezla, dan fuq allegat claim ta' insurance fraud, liema karozza zewgha kien tefaghha minn irdum ghal isfel, hekk kienet se tkun hi f'karozza li taqa' minn irdum simili.

Mary Grace Bonsfield tirrakonta li gurnata ma ssucedew ir-reati n dezamina minhabba l-oggezzjoni taghha li tidhol go xi bar hi u zewgha kellhom xi jghidu, hi ghazlet tmur lura lejn id-dar, anzi r-ragel taghha akkompanjaha lura lejn id-dar u ghaliex ir-ragel hareg b'uliedu u halliha warajh, hi ddecidiet li tohrog ghalhekk nizlet Bugibba bil-karozza tal-mummy taghha. Hemmhekk hadet drink li hi tiddeskrivi tazza wahda nbid li halltet b'xi soft drink. Skopriet li l-karozza ma kellhiex dawl, bezghet issuq lura u titla' t-telgha t'Alla u Ommu stante li d-dar matrimonjali kienet in-Naxxar u ddecidiet fil-fatt li tibqa' Bugibba. Hemmhekk hi sabet sokkors f'lukanda Hotel Concorde fejn raqdet fuq sufan. L-ghada filghodu hi marret bl-intiza li tmur ghand ommha ghax kienet tibza' minn zewgha, iltaqghet ma zewgha fit-triq sejjer bit-tfal taghhom biex ivaraw il-boat, ordnalha tmur id-dar hekk ghamlet, hu rraggungiha d-dar u minn hemmhekk hi tiddeskrivi karellata ta' abbuz sesswali mill-ghar u hawn tenfasizza l-Qorti, mill-ghar, li garrbet hi minn idejn zewgha.

Tammetti wkoll Mary Grace Bonsfield u dan bla ebda tlaqliq li hi kienet issofri minn depression anke gieli kienet rikoverata Mount Carmel kif ukoll il-psychiatric unit. Qalet ukoll li gieli hi stess di volonta taghha ghazlet li tidhol Psychiatric Unit ghax kienet thossha safe minn zewgha galadarba kif gia inghad fuq hi xehdet li ma kienx l-ewwel darba, anke matul il-gravidanza, li zewgha sawwata anke bid-daqqiet ta' sieq. Mary Grace fil-fatt tghid li tant hi

kienet imbezzgha mir-ragel taghha li hassitha kostretta li tmur fuq is-sodda kif ordnalha zewgha, qabel ma beda l-abbuz sesswali fuqha b'dan il-kliem:

*"Hassejt li jekk ma mmurx fuq is-sodda u nipprova nahrab jew hekk jew daqqa ta' mus jew xebgha tajba jew xi haga kien se jigrili u allura kelli nobdi" (a fol 107).*

Dwar l-irbit li ssubiet darba li kienet rasha l-isfel fuq is-sodda qalet u kategorikament cahdet li qatt ma kien hemm irbid f'dawn is-sexual plays ta' bejniethom, li ammettiet li kienu drabi ohra saru bejniethom. Qalet pero` li f'dan is-sexual play, jekk wiehed irid isejjahlu hekk, gieli ntuzaw affarijiet esterni ohra. Kienet pero` dik il-gurnata ta' l-allegat stupru fejn l-akkuzat agixxa vjolenti maghha, dan ovvjament barra l-fatt tas-swat li kien jigri u li gara f'okkazjonijiet ohrajn.

Tghid ukoll Mary Grace Bonsfield, u dan hu punt saljenti fix-xhieda taghha, u dan in kwantu ghall-kredibilta taghha li darba nizlet Bugibba cemplet anke lil huha fejn hi basritu se jmur ghaliha darba li stqarritlu li kellha diffikulta` fil-karozza. Tghidilna li wara li sofriet l-allegat stupru minn idejn ir-ragel taghha kellmet ukoll lill-habiba taghha Valerie Sciberras li qaltilha biss bl-irbit. Tghidilna wkoll li hi anke kienet kellmet lil Dr. Julian Mamo u kienet qaltlu wkoll biss b'irbit.

In korraborazzjoni ta' dak kollu li xehdet Mary Grace Bonsfield il-Prosekuzzjoni fil-fatt tellghet dawn it-tliet xhieda msemmijin oltre ghal omm l-istess Mary Grace Bonsfield. Ghalhekk insibu li a fol 331 tal-process il-habiba Valerie Sciberras tikkorobora dak li qalet Mary Grace Bonsfield fis-sens li spjegat li kienet gurnata tal-Hadd matul is-Sajt u cemplitilha Mary Grace Bonsfield filghodu u kienet qaltilha li r-ragel taghha kien rabatha bil-hbula. Tghid ukoll Valerie Sciberras li Mary Grace Bonsfield kienet tinstema' eccitata. Tkompli li Bonsfield qaltilha li kienet se ccempel lil Dr. Mamo u ftit ta' hin wara nizlet id-dar taghha u minn hemmhekk hi, Valerie cemplet lil omm Grace. Izzid Valerie Sciberras li Mary Grace Bonsfield kienet qaltilha li kien gara dan l-incident bejnha

u bejn zewgha ghaliex kienet harget is-sibt filghaxija wahida minhabba l-incident fil-bar.

Xhud iehor Frank Pavia ukoll ikkorrobora dak li xehdet l-istess Mary Grace Bonsfield meta qal li mara li ma jafhiex fil-bidu tas-Sajf tas-sena 1998 (ghax hekk kienet is-sena meta kien qed jixhed) kienet dahlet fil-lukanda u kienet talbitu biex taghmel telephone. Fil-fatt May Grace Bonsfield tghid fix-xhieda taghha li hi kienet cemplet lil zewgha mill-lukanda u kienet qaltlu li hi ma tistax tmur lura lejn id-dar minhabba d-diffikulta` li kienet riskontrat fil-vettura.

Jghid fil-fatt Frank Pavia li l-mara talbitu jekk setghetx tikri kamra fil-lukanda pero` dan ma setghax isir ghax il-lukanda kienet fully booked. Jikkorrobora dak li qalet Mary Grace Bonsfield li hi baqghet rieqda fil-lukanda, fir-reception area. Jghid ukoll li din il-mara pprezentat ruhha pulita u li ma kinitx fis-sakra.

Xehdet ghalhekk Josephine Zammit li tigi omm Mary Grace u ddeskriviet li f' Lulju ta' din is-sena Mary Grace kienet ghamlet xi gimgha ghandha u dan kagun ta' glied li kien hemm bejn il-konjugi Bonsfield. Qalet in korroborazzjoni ma dak li kienet qalet l-istess Valerie Sciberras aktar il-fuq li kienet cemplitilha habiba ta' bintha Valerie u qaltilha biex tmur ghax bintha kienet qed tghid li hu kien rabatha. Ziedet ukoll li kienet l-istess Mary Grace li kienet cemplet lit-tabib u f'dan ir-rigward ghamlet referenza ghat-tabib Mamo.

Dwar griehi li possibilment setghet kellha l-istess Mary Grace tghid din ix-xhud li hi ma ratilha ebda sinjali pero` hekk:

"……*Rajtilha bhal hmura f'saqajha u cioe ` fl-ghekiesi" (a fol 33 tal-process)*

Ghalhekk ingieb mill-Prosekuzzjoni t-Tabib Julian Mamo li ezentat mill-istess Mary Grace Bonsfield xehed hekk:

*"Ghandi nghid li s-sinjura Mary Grace Bonsfield kellha griehi ta' natura hafifa f'riglejha u f'idejha cioe mal-polz u mal-ghaksa li kienu qishom hmura u kienu kompatibbli, cioe kienu kagunati minn friction m' oggett mal-gilda ta' Mrs Bonsfield" ( a fol 144).*

Izid l-istess tabib li l-griehi kienu maghmulin minn xi habel.

Jghid ukoll li Mary Grace Bonsfield kienet irrapurtatlu li kienet marbuta mir-ragel taghha ghax kellhom xi jghidu. Aktar dettalji ma tatux.

Jehtieg jinghad ukoll li qabel ma nhargu l-artikoli hawn fuq gia msemmija f'xhieda ferm qasira dehret regghet Mary Grace Bonsfield u espremiet ix-xewqa taghha illi hi riedet tahfer lir-ragel taghha ta' stupru u r-raguni li tat ghal dan kienet li l-akkuzat kien missier uliedha u barra ghar-raguni ta' rispett, dejjem kif xehdet hi, deher li l-problemi konjugali ta' bejniethom setghu jirrangaw.

Xi tliet snin u nofs wara din l-istess xhieda, Mary Grace Bonsfield regghet ittellghet bhala xhud in difesa. Is-sinjura Bonsfield hawnhekk tat, anzi fil-fehma ta' din il-Qorti ppruvat taghti mpressjoni li meta hi telghet tixhed l-ewwel darba ma kinitx cara fuq il-fatti li kienet qed tirrakkonta, anzi a fol 189 tghid li llum m'hemmx inkwiet bejniethom, tiddeskrivi l-affarijiet li graw dakinhar, cioe ta' l-allegat incident in dizamina b'dan il-mod;

*"Jista jkun li kienu graw drabi ohra fiz-zwieg taghna, imma forsi dakinhar, ha nghidlek hekk, pingejthom f'mohhi differenti, bejn kont taht kura medika, bejn kelli hafna nkwiet, stajt pingejthom differenti f'mohhi."*

In kontro ezami tkompli tghid hekk:

*"Ifhimni jien m'inix qed nghidlek li dakinhar gdibt u lanqas nghidlek li llum qed nigdeb. Li qed nghidlek hu li l-affarijiet dakinhar stajt pingejthom totalment differenti u hziena f'mohhi. Trawma, dahlu trawma" ( a fol 191).*

Tkompli anzi s-Sinjura Bonsfield li kwazi timminimizza l-provi korroboratorja li ttellghu in favur ta' dak li kienet xehdet hi precedentament. Per ezempju dwar is-sikkina tikkummenta dak li ghadu kif jigi riprodott, dwar ix-shorts allegatament imqatta bis-sikkina li zamm fuqu l-akkuzat waqt l-atti n dezamina, tghid li kien vera tqatta' pero` jista' jkun, tkompli tghid li drabi ohra meta sar sess sew mar-ragel, gieli anki ndumenti ohra tqattghu. Dwar dak li qalet lil habiba taghha Valerie meta zewgha telaq mid-dar l-ghada ta' l-incident, tiddeskrivi li waqt din it-telefonata lil Valerie, anke a contrarju ta' dak li kienet xehdet l-istess Valerie, hi cioe Mary Grace bdiet tidhaq kemm tiflah fuq it-telephone qisu ma gara xejn. (a fol 193 tal-process).

Hi fil-fatt l-opinjoni ta' din il-Qortili Mrs Bonsfield imtella' mid-Difiza ippruvat timminimizza ghal kollox l-incident rrakkontat u li kif gia premess minn din il-Qorti kien ben korroborat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li ma halla ebda dubju f'mohh din il-Qorti li dak l-incidnet verament kien sehh. Punt saljenti hu l-fatt li Mrs Bonsfield fil-fatt qalet ukoll li llum kienet separata minn zewgha u li zewgha ovvjament kien qed jghaddilha l-manteniment. Ghalhekk jiftiehem izjed dak li xehdet fl-ahhar Mrs. Bonsfield, jiftiehem anke l-fatt li Mrs Bonsfield giet tirrinunzja ghall-akkuza li ghamlet fil-konfront ta' zewgha fil-kawza in dezamina.

Ikkonsidrat

Illi tibda din il-Qorti biex mill-bidu nett tiddikjara li fil-fehma taghha rinunzja o meno tqis bhala pruvati l-akkuzi ta' stupru, sekwestru u griehi kif dedotti kontra l-imputat.

Issa l-artikoli li tahthom il-Qorti trid taghmel l-ezami specjalment in kwantu ghar-rinunzja ta' Mary Grace Bonsfield huma dawk ovvjament imsemmija fin-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali.

Certament l-artikoli msemmija kkontemplati taht il-Kap 9 mihomx ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. Fil-fatt dawn ir-reati gew rezi ta' kompetenza ta' gudikatura kriminali bil-kunsens ta' l-Avukat Generali u bix-xelta ta' l-

istess akkuzat. Ghaldaqstant huwa applikabbli anke l-artiklu 544 u 545 tal-Kap 9. L-Artiklu 544 ta’ dan il-kap jistabilixxi li ma jistghux isiru proceduri kriminali hlief fuq talba tal-parti privata fl-ebda wiehed mill-kazijiet li gejjin, fil-kaz ta’ stupru vjolenti, serq ta’ persuna u attentat vjolenti fuq il-pudur, ir-reati kollha msemmija huma kkontemplati fir-rinviju bl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Ikompli pero` fil-proviso illi:

*“Izda meta xi wiehed minn dawn id-delitti isir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma’ reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentament mill-azzjoni tal-parti privata”*

Min-naha l-ohra l-Artiklu 545(1) jghid ukoll li meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief b’talba tal-parti privata il-kwerelant jista` f’kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali jirrinunja ghall-kwerela li hu jkun diga’ ghamel. Pacifiku li l-kwerela saret minn Mary Grace Bonsfield meta flimkien ma’ huha Silvio Zammit marret quddiem l-Ispettur Sharon Tanti kif xehdet l-istess Spettur Sharon Tanti u l-istess Mary Grace Bonsfield ghamlet ir-rapport dwar l-istupru u dak kollu li kien gara lilha mill-agent zewgha. Pacifiku ukoll li Mary Grace Bonsfield tleghet u wriet ix-xewqa li tahfer u li tirrinunzja ghall-akkuzi kif dedotti kontra zewgha.

Jinhtieg issa jigi stabbilit jekk tali rinunzja hix bizzejjed biex twaqqaf dan il-procediment kriminali fil-konfront tar-reati li jehtiegu l-kwerela ghal prosegwiment taghhom kif gia msemmi taht l-artikolu 544 tal-Kap 9. Huwa veru li fl-artikolu 545 kif gia premess jinghad li tista’ tigi rinunzjata f’kull stadju tal-proceduri l-kwerela. <u>Per` tali rinunzja ma jista’ qatt ikollha effett biex twaqqaf azzjoni darba li tkun prosegwibbli ex officio</u>. Ghalhekk jehtieg li jigi ezaminat jekk ir-reati addebitati lil Stephen Bonsfield kinux reati li jaqghu taht il-proviso ta’ l-artikolu 544 u cioe` jekk sarux bi vjolenza pubblika jew flimkien ma’ reat li jolqot l-ordni pubbliku.

Ma tistax il-Qorti in ezami ta' dan il-punt ma ticcitax is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Spiridione Tanti sive Tanti Costa fit-12 ta' April, 1991 fejn il-Qorti qalet hekk:

*a) "Ghalkemm kultant il-ligi thalli f'idejn il-privat il-promozzjoni ta' l-azzjoni kriminali permezz tal-kwerela, u f'certi kazi anke l-istess ezercizzju taghha, u taghtih il-fakulta` li jwaqqaf il-procediment permezz ta' dezistenza jew rinunzja ghall-kwerela, il-gudizzju u l-applikazzjoni tal-piena jsiru fl-interess generali tas-socjeta' u mhux tal-privat individwalment. L-azzjoni penali, bhala objettiv, hija essenzjalment pubblika, u tappartjeni lill-Gvern. Il-kwerela hija semplici narrazzjoni ta' fatt, bl-istanza ghall-punizzjoni tal-hati, liema fatt iservi ta' bazi ghall-promozzjoni tal-gudizzju, imma d-definizzjoni guridika ghall-fatt skond ma jirrizulta mill-provi, tappartjeni lit-Tribunal. Darba attivata l-funzjoni gurisdizzjonali tal-Qorti, ankorke bi kwerela, din il-funzjoni tkopri anke rizultanzi li jkunu jikkonstitwixxu reati prosegwibbli mill-Pulizija ex officio."*

F'din is-sentenza citata dik l-Onorabbli Qorti ghamlet ezami profondissimu ta' dak li hu l-izvilupp matul is-snin tas-sinifikat tal-frazi reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku. Hu fuq dan li qed tikkoncentra din il-Qorti stante li hawnhekk ma jirrizulta ebda akkompanjament ta' reat bi vjolenza pubblika. Ghalhekk tkompli tikkwota din il-Qorti mis-sentenza hawn fuq citata:

*i) "Ghalkemm il-legislatur beda biex jirrikjedi li d-delitt ta' stupru jkkun akkumpanjat b'delitt li jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali u mhux bi kwalunkwe reat iehor spicca biex jirrikjedi li jkun sufficjenti biex l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentament mill-kwerela anke meta l-istupru huwa akkompanjat jew isir flimkien ma "**reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku"**u mit-tezi Ingliz jidher li reat iehor ifisser kull reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku.*

*ii) Certament ma jistax jigi injorat li d-distinzjoni tezisti fid-duttrina u materja tad-dritt penali bejn l-import tal-kelma **delit** u dak tal-kelma **reat** kif rifless fit-terminologija uzata fl-artiklu 544 tal-KodiciKriminali.*

*iii) Huwa ovvju li l-legislatur ried izid fuq il-kazijiet fejn l-azzjoni penali tkun tista' tigi ezercitata indipendentement mill-azzjoni tal-parti leza.*

*m) Il-portata tal-kelma 'akkompanjat' jew 'flimkien' fil-kuntest tal-artiklu 544 tal-Kodici Kriminali gie ezamina u spjegat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) in re Il-Pulizija v Carmelo Cassar fil-21 ta' April 1945 fejn dik il-Qorti kienet espremiet kif gej:*

*"Il-ligi…..il-kelma akkumpanjat ……hija pero` ma tuzax il-kelma konness li tinsab fl-artiklu 568 illum artiklu 592 ta' din il-kelma ta' l-ahhar il-ligi taghit interpretazzjoni konsistenti f'enumerazzjoni tassattiva kazistika, ghad-differenza tal-kelma akkumpanjat, li mhix definita, forsi ghaliex hemm fiha teknicita` anqas ta' sinifikat. Is-sens tal-kelma akkumpanjat m'ghandux ikun certament dak tal-kelma l-ohra konness ghax kieku kien hekk ebda raguni ma kien hemm biex il-ligi ma tadoperax l-istess kelma. Dan ma jfissirx pero`, li siniikfat tal-kelma akkumpanjat ma jistax jaqbel ma' xi kazijiet li jidhlu wkoll taht il-kelma konness. Din il-Qorti kif preseduta tahseb li r-reat ta' l-istanza privata hu akkumpanjat minn iehor ta' azzjoni pubblika meta jew iz-zewg reati jkunu konkorrenti billi wiehed ikun serva ta' mezz ghall-iehor, jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola "unicu contextu"zewg dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali b'mod li jitnisslu minn zewg titoli ta' reati."*

Hija l-fehma ta' din il-Qorti lir-reat ikkontemplat fl-artiklu 86 tal-kap 9 kif aggravat bic-cirkostanzi aggravanti kkontemplat fl-artiklu 87 tal-kap 9 kien dak ir-reat li serva bhala mezz ghar-reati l-ohra.

Jinhtieg ghalhekk jigi stabbilit jekk ir-reat ta' sekwestru jew arrest ta' persuna (artikolu 86 Kap 9) hux wiehed li jolqot l-ordni pubbliku biex b'hekk jigi stabbilit jekk ai terminu ta' l-artiklu 544 tal-Kap 9 ir-rinunzja ta' Mary Grace Bonsfield testingwix il-procediment kriminali ghal dawk ir-reati imsemmija fil-proviso tal-artikolu 544 Kap 9.

Interessanti wkoll f'dan l-ezami li precedentement il-proviso imsemmi ghal artikolu 544 minflok kien jitkellem fuq delitti li jsiru flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku kien fil-fatt fit-test tieghu, gia l-artikolu 458, jitkellem dwar "delitti……..accompagnati da altro delitto di compentenza della Corte Criminale:.

Dan l-izvilupp fid-dicitura tal-ligi jmur biex juri li l-legislatur stess ried li jitwessa il-prosegwibilita ta' l-azzjoni, jidher ghalhekk li hemm aktar propensita li l-azzjoni kriminali li fil-generalita taghha tappartjeni l-organi ta' l-istat tissahhah f'dan ir-rigward aktar u aktar meta r-reat ikun wiehed li jolqot l-ordni pubbliku. Ghalhekk hemm isib logika il-fatt li l-prosegwibilita ta' l-azzjoni ma tibqax vestita f'idejn l-individwu bil-possibilitajiet li l-istess individwu jista anke jsoffri xi tip ta' influenza baranija biex ma jipprosegwix l-azzjoni.

Interessanti ukoll f'dan ir-rigward li fil-ligi Taljana ghandha f'kazijiet simili derogi ghal procedimenti bil-kwerela; ghalhekk insibu per ezempju li fl-artikolu 609 li jittratta dwar reata ta' vjolenza sesswali l-proceduri huma prosegwibbli ex ufficio jekk il-fatt bazi tal-kwerela huwa konness ma delitt iehor prosegwibbli ex ufficio.

Dwar ir-rekwisit tal-konnessjoni bejn delitt u iehor prosegwibbli ex ufficio l-Antolisei jghid hekk:

"La connessione di cui qui si parla non e pero l-ampia connessione di cui in passato all art 45 de cpp Rocco e ora 12 del c.p.p. Vassalli, ma quell ache si verifica quando un reato e stato commesso per esguire od occultare l-altro o per conseguire l' impunita, oppure in occasione di esso" pge 176 Manuale di Diritto Penale Parte Speciale Dodicesima Edizione.

Jigi precisat ukoll li mkien mill-ligi taghna ma hemm elenkat dawk li huma reati li fil-fatt jolqtu l-ordni pubbliku. Pero immedjatament kif wiehed ihares lejn it-titolu III tal-Kap 9 taht liema titolu jaqa r-reat l-artikolu 86, jara li hawn si tratta ta' Delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjoni Pubblici ohra. Is-subtitolu jitkellem dwar

reati ta’ min jiehu f’idejh bla jedd l-Awtorita Pubblika u fuq uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta’ Awtorita Pubblika. M’hemm ebda dubbju f’mohh din il-Qorti minn dawn in-nomenklaturi li hawn si tratta ta’ reati li certament jolqtul-ordni pubbliku ghalhekk prosegwibbli ex ufficio.

Ikkonsidrat

Illi zgur jirrizulta stabbilit mill-ezami tal-fatti prodotti li sehhew kemm l-istupru kie ukoll l-attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Mary Grace Bonsfield, reati li kienu certament meghjuna mis-sekwestru tal-persuna anke b’uzu ta’ arma; certament dan is-sekwestru huwa reat li akkompanja ir-reati l-ohra, reat li serva ta’ mezz li jigu kkonsmati ir-reati l-ohra adebittati taht il-Kap 9 Daqstant iehor huwa cert li r-reat ikkontemplat taht l-artikolu 86 huwa wiehed li jolqot l-ordni pubbliku u ghalhekk r-renunzja ta’ Mary Grace Bonsfield tista sservi ta’ attenwant ghal piena pero ma tista qatt testingwi l-prosegwibilita ta’ l-azzjoni.

Ghaldaqstant qed issib lil-Stephen Bonsfield hati ta’ r-reati kkontemplati taht l-artikolu 86, 87, 88, 201, 202, 207, 198, 221, 17 tal-Kapitolu 9. Rat il-fedina penali tieghu, ikkunsidrat ir-rinunzja ta’ martu vittma Mary Grace Bonsfield. Tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ erba’ (4) snin habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------